TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 122/14-F

**Noel Carlos Spiteri**
**vs**
**Vincent Agius**

Illum 29 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Ġunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900), rappreżentanti ritratti u video tat-tieġ li minkejja li ħallsu għalih, ma ġiex ikkonsenjat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jeħodlu ħsieb ir-ritratti u l-video tat-tieġ. Ir-rikorrenti ħallas elf u mitt ewro (€1,100) għal dan ix-xogħol pero' ma ħa xejn u għalhekk irid il-flus lura, kif ukoll l-ispejjeż sabiex jerġgħu jsiru r-ritratti.

Fil-mori tal-kawża, l-intimat issottometta li l-video kien ħadu hu, pero' kien hemm problema bil-fotografu, illi kellu xi jgħid mal-fotografu tiegħu u ma ġablux ir-ritratti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-responsabilta' ġuridika hija tal-intimat, u meta l-intimat tah is-CD tar-ritratti, kien hemm ħafna ritratti neqsin ukoll.

Għaldaqstant, it-Tribunal jinnota illi l-intimat kien responsabli għas-servizz li kien ingaġġah ir-rikorrenti u li fil-fatt naqas serjament fis-servizz lejn ir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiddeċiedi fuq il-bilanċ, għax ma kienx hemm kontro-talba.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888